**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 11 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 1134/2022 GM**

**Elizabeth Markham (K.I. 186970(M))**

**vs**

**Odette Manicaro (K.I. Nru. 0523276(M)]**

**Peter Manicaro (K.I. Nru. 0238175(M)]**

**Eric Manicaro (K.I. Nru. 0479997(M)]**

**Aniston Manicaro (K.I. Nru. 0115102(L)]**

**Riona Manicaro (K.I. Nru. 233904(L)]**

**Mariah Manicaro (K.I. Nru 0018406(L)]**

**Il-Qorti,**

Skont pronunzjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re: **Vladyslava**

**Kravchenko v Kevin Micallef 25.02.2021 (MCH, GCD, AE)** għalkemm il-kawża prinċipali tkun - bħall-każ preżenti - tinstab pendenti quddiemha, hija din il-Qorti (ta' prim'istanza) li għandha l-kompetenza biex titratta mandati kawtelatorji bejn il-partijiet kontendenti.

Għalkemm huwa minnu li l-intimati Peter u Odette konjugi Manicaro biss huma ko-inkwilini mar-rikorrenti, dan ma jfissirx li m'hemmx relazzjoni ġuridika mal-intimati l-oħrajn, li jiġu wliedhom, kemm-il darba jidher *prima facie* li qegħdin ukoll jikkommettu l-atti li r-rikorrenti qiegħdha titlob li ma jissoktawx biex tiġi mħarsa l-kirja sakemm ikun hemm pronunzjament prinċipali.

Jidher prima facie mill-atti li jista' jkun hemm ksur tal-obbligi tal-inkwilini fil-konfront tal-Awtorita` tal-Artijiet u mingħajr il-permessi tal-Awtorita` tal-Ippjanar mill-intimati fil-partijiet tal-fondi li fihom huma ko-inkwilini mar-rikorrenti u għalhekk ir-rikorrenti għandha dritt li tieqaf kull vjolazzjoni li tista' qiegħdha ssir. Billi l-aġir tal-intimati jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-lokazzjoni u konsegwentement għall-iżgumbrament tal-inkwilini inkluż ir-rikorrenti u passi mill-Awtorita` tal-Ippjanar, il-ħsara lill-fondi mertu tal-proċeduri ġudizzjarji pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell jistgħu ikunu irriversibbli.

Għalhekk tilqa' t-talbiet dedotti fil-mandat b'dawn il-modalitajiet:

1. Id-digriet tas-26 t'Awwissu 2022 (fol 90) li permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet proviżorjament dan il-mandat qiegħed jiġi revokat.

2. L-intimata Mariah Manicaro hija liberata mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju kawtelatorju.

3. Eskluża mill-effetti tal-mandat t-tomna raba' f'tenement 50545 deskritt fir-rikors promotur li fuqha hemm titlu esklussiv minn Odette Manicaro u kull attivita` li tista' ssir fiha.

4. Inkluża l-attivita` kollha li mhix waħda agrikola, bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola (ara fol 92 et seq) ta' natura kummerċjali inkluża dik taż-żamma tal-klieb (kenneling) u bejgħ ta' prodotti.

3. Inkluż kwalunkwe xogħol ta' natura strutturali.

Mogħti kameralment illum 11 t'Ottubru 2022.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA